# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI
# (MALTA)

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D DIP. MATR. (Can)**

**Seduta mizmuma illum**
**l-Erbgha 17 ta' Gunju, 2015.**

**Rikors Numru 350/2014 CSH**

**P.J. Sutters (Marketing) Limited (C 35984)**

**Vs**

**John Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz promotur tas-socjeta' attrici kif prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-24 ta' Ottubru, 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef seba' mija w hamsa w tletin Ewro (€3,735), rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u lilu konsenjata.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment u bl-imghax kummercjali b'effett mis-6 ta' Gunju 2014 li hi d- data ta l-ahhar konsenja sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subbizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat, skond riferta posittiva tal-Marixxal John Francica datata 7 ta' Mejju 2015, fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici, fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema (fol. 18 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat bir-rikors promotur permezz ta' publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern nhar il-15 ta' Mejju, 2015 fol. 19, u fil-gazzetta lokali Times of Malta nhar id-29 ta' Mejju 2015 (fol 15).

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2015 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx, biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat ghalhekk li l-konvenut ma pprezenta l-ebda kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa't-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut JOHN BUBEJA ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, seba' mija w hamsa w tletin Ewro (€3,735), ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.***

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment u bl-imghax kummercjali b'effett mis-6 ta' Gunju, 2014 li hi d-data ta l-ahhar konsenja sad-data tal-effettiv pagament.

**u b'digriet tal-20 ta' Lulju 2015 il-kliem 'bl-imghaxijiet legali skond il-ligi' gew imhassra.*

**Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**
**Deputat Registratur**